31 ta' Mejju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Avukat Dr. Edgar Buhagiar ne. *versus* Nutar Dr. Paul Pullicino**

**Qorti ta' Reviżjoni tal-Attijiet Notarili — Nutar — Boll — Soċjetà — Ċessjoni — Art. 57 tal-Kap. 68**

***Meta jsir kuntratt li bih tiġi xjolta soċejtà qabel iż-żmien li għalieh kienet ġiet kuntrattata, u bis-saħħa ta' dak il-kuntratt wieħed mis-soċi jirċievi kumpens bħala korrispettiv ta' ċerti vantaġġi li, bħala effett tax-xoljiment, jiġu ċeduti lis-soċju l-ieħor, mentri qabel kienu jinqasmu bejn iż-żweġ soċi, dik l-operazzjoni timporta ċessjoni ta' drittijiet, u bħala tali hija bollabbli "ad valorem" fuq l-ammont li jitħallas bħala korrispettiv tal-istess ċessjoni.***

***Għaldaqstant, in-nutar li jimbolla kuntratt simili diversament milli "ad valorem" jikkommetti kontravvenzjoni għall-liġi dwar it-taxxa tal-boll.***

Il-Qorti;—Rat id-digriet tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet tan-Nutari bħala Qorti Kolleġjali tal-ewwel ta' Marzu 1957, li bih dik il-Qorti kkundannat lill-imsemmi Nutar Dr. Pullicino għall-penali ta' £2 talli, kuntrarjament għar-regolament publikat fin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 119 tal-1947, kif emendat b'dik tan-numru 342 tal-1947, maħruġ bis-saħħa tal-art. 28 tal-Kap. 68, il-boll fuq l-att ta' subenfitewsi (n. 86 pp. 582 et seq.), li huwa ta' aktar minn £10, ġie mwaħħal fuq l-att flok imħallas lill-Kummissarju tal-Inland Revenue, peress li l-imputazzjoni rriżultat, fil-waqt li ddikjarat lill-istess Nutar Dr. Pullicino mhux ħati tal-imputazzjoni li, kuntrarjament għad-dispost tal-art. 57(1) u (2) tal-Kap. 68, l-att ta' xoljiment ta' soċjetà n. 43 (pp. 339 et seq.) fih boll anqas milli messu jkollu £19.3.3., billi dik il-Qorti kkunsidrat illi, għalkemm fil-kuntratt jingħad illi Charles Gatt irċieva s-somma ta' £2,000 bħala kumpens ta' xoljiment ta' soċjetà, fil-fatt ma rriżultax li dawn l-£2,000

ħadhom minħabba xi ċessjoni ta' kreditu jew jedd ieħor, u kwindi l-boll kellu jitħallas kif affiss minn nutar fuq l-att, u ma kellux ikun "ad valorem" fuq is-somma ta' £2,000;

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr. Edgar Buhagiar fil-kwalità tiegħu ta' Aġent Attorney General, li appella minn dak id-digriet fuq imsemmi, u talab li dak id-digriet jiġi riformat, billi jiġi konfermat fejn l-istess Qorti kkundannat lin-Nutar Pullicino għall-penali ta' £2 għax ikkontravvjena għar-regolament publikat fin-Notifikazzjoni tal-Gvern no. 119 tal-1947 sussegwentement emendat, u billi jiġi revokat fejn l-istess Qorti ddeċidiet illi n-Nutar Pullicino ma għamel ebda kontravvenzjoni għall-art. 57 Kap. 68 u ddikjaratu mhux ħati tal-istess kontravvenzjoni, billi, minflok, din il-Qorti tiddeċidi illi l-kuntratt ta' xoljiment tas-soċ età "Charles Darmanin & Co." publikat mill-imsemmi nutar fit-28 ta' Frar 1956, jikkontjeni ċessjoni ta' drittijiet fejn tħallsu £2,000 għall-istess xoljiment, u huwa għalhekk bollabbli taħt id-dispost tal-art. 57(2) tal-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll (Kap. 68), u ssib ħati lill-imsemmi Nutar Dr. Paul Pullicino in kwantu naqas li jibbolla l-kuntratt in kwistjoni analogament, u tikkundannah għall-ħlas ta' penali li din il-Qorti jidhrilha xierqa għall-każ. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bejn in-Neguzjant Charles Darmanin u Charles Gatt kien hemm soċjetà "en nom collectif", u bl-att in kwistjoni tat-28 ta' Frar 1956 dawk iż-żewġ neguzjanti ftehmu li jxolju dik is-soċjetà, li oriġinarjament kienet ġiet kostitwita b'att tal-31 ta' Mejju 1948, magħmul għand in-Nutar Victor Bisazza. Dak ix-xoljiment ġie miftiehem taħt ċerti pattijiet, li bihom Charles Darmanin żamm għalieh esklużivament il-proprjetà kollha tal-isem soċjali "Charles Darmanin & Co." u r-rappreżentanza ta' ċerti ditti elenkati fil-prospett anness mal-att, fil-waqt li Charles Gatt żamm dik

tad-ditta "Harold Olsberg" ta' Manchester, ta' "Messrs. Monolines Ltd." ta' Londra, u ta' "Messrs. West Indies Trading Co." ta' Copenhagen, dina tal-aħħar fl-"ironmongery branch" biss. In konnessjoni ma' dan, saru ċerti kondizzjonijiet; fosthom l-obligu ta' Charles Gatt li jixtri minn għand id-ditta ".Darmanin & Co." li stock kollu li kellha tad-ditta "Harold Olsberg" bil-prezz tal-fattura u l-ispejjeż; jekk din id-ditta tirrikonoxxleh b'rappreżentant tagħha. Ġie miftiehem li jaqsmu l-profitti tas-soċjetà li ġiet xjolta; u Charles Gatt obliga ruħu, taħt penali ta' £200, li la direttament u lanqas indirettament ma jikkomunika mad-ditti li baqgħu rappreżentati minn Charles Darmnin; u Gatt ma kellux jippartecipa mill-profitti ta' merkanzija li kienet għadha ma ġietx Malta;

Bħala kumpens tax-xoljiment, Charles Darmanin obligu ruħu li jħallas lil Charles Gatt £2,000. Dan il-kumpens ċertament ma kienx liberalità, iżda kien il-korrispettiv li Charles Gatt kellu jdaħħal talli x-xoljiment sar qabel iż-żmien, peress li s-soċjetà kellha tispiċċa fit-30 ta' April 1958, u kien sejjer iħalli favur Charles Darmanin l-isem tad-ditta soċjali, ċerti rappreżentanzi ta' ditti, u l-profitti u l-kummissjonijiet tal-ordnijiet li l-merkanzija tagħhom allura kienet għadha ma ġietx Malta. Għaldaqstant, dak il-kumpens kien "quid pro quo" u prezz tal-vantaġġi minn Gatt ċeduti lil Darmanin bħala effett tax-xoljiment. U tabilħaqq, b'effett tax-xoljiment tas-soċjetà Darmanin ġie akkwista ċerti vantaġġi li dari kien jaqsam ma' Gatt. Għalhekk huwa evidenti li l-kuntratt in kwistjoni jimporta ċessjoni, u bħala tali għandu jiġi bollat "ad valorem" fuq l-ammont ta' £2,000, skond l-art. 57(1) u (2) tal-Kap. 68 tal-LL.;

Ikkunsidrat;

Illi in vista tal-premess huwa ċar li l-att in kwistjoni ma ġiex bollat konformement għall-liġi, u għalhekk l-appellat Nutar Dr. Paul Pullicino irrenda ruħu ħati ta' kontravvenzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha, u tilqa' t-talba tal-Attorney General billi tiddeċidi li l-kuntratt tax-xoljiment tas-soċjetà "Charles Darmanin & Co.", publikat minn Nutar Dr. Paul Pullicino fit-28 ta' Frar 1956, jimporta u jikkontjeni ċessjoni ta' drittijiet b'valur ta' £2,000, u għalhekk huwa bollabbli "ad valorem" fuq dak l-ammont taħt id-dispost tal-art. 57(2) tal-Kap. 68 tal-LL.; u tiddikjara l-istess Nutar Dr. Paul Pullicino ħati ta' kontravvenzjoni talli naqas li jibbolla dak l-att skond id-dispost tal-art. 57 (2) tal-Kap. 68 tal-LL. fuq imsemmi; u għalhekk tikkundannah għall-penali ta' £10. Bl-ispejjeż kontra tiegħu.